# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI NUMRU 2739

**Kaz Numru 3510/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**George Agius (ID 54756G)**

**u**

**Arkadia Marketing Limited (C11113)**

*dwar allegazzjoni ta' tkeccija ngusta*

Illum it-Tlieta 8 ta' Gunju, 2021

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat minn Dottor Kris Borg ghan-nom tar-rikorrent, George Agius, fir-Registru Superjuri, fl-16 ta' Novembru 2016. Illi r-rikorrent qieghed issostni li l-impieg tieghu, li gie tterminat fil-25 ta' Awwissu 2016, b'mod li fic-cirkostanzi ghandhom jitqiesu bhala tkeccija ngusta. Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu r-rikorrent jispjega li hu kien beda jahdem ma' Arkadia Marketing Limited bhala kontrollur finanzjarju (*financial controller*) fis-6 ta' Lulju 2015 fuq kuntratt definit ta' tlett (3) snin.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Ir-rikorrent jghid fid-dikjarazzjoni tieghu li hu ma kienx inghata *hand over* mill-kontrollur finazjarju ta' qablu u dan peress li kien ilu li telaq tlett gimghat qabel ma kien beda r-rikorrent. Ir-rikorrent jghid li kien mexxa fuq in-noti dwar il-proceduri ezistenti li kien halla l-kontrollur finanzjarju ta' qablu. Ir-rikorrent jghid li ma kien hemm ebda procedura ufficjali fuq id-dipartiment tal-finanzi li kienet inharget mill-kumpanija jew mill-*Head Office.* Fl-imsemmija Dikjarazzjoni r-rikorrent jaghti spejgazzjoni dettaljata tar-responsabbiltajiet tieghu li kellu mas-socjeta` ntimata. Dwar kemm kienu jinhargu cekkijiet u l-modailta` tal-hlasijiet kif kienu jisru mis-socjeta` ntimata.

Ir-rikorrent jghid li f'Marzu kienu bdew jaghmlu xi pagamenti b'mod eletroniku, fejn minflok kien isir b'cekk u dan jintbaghat ghall-firem, il-pagament isir billi l-iskrivani kienu jdahhlu d-dettalji tal-pagament fil-*website* tal-bank, u dan il-pagament kien jigi approvat minn Antoine Portelli, Melissa Cordina, Riana Xuereb, u r-rikorrent innifsu. Ir-rikorrent jghid, fid-Dikjarazzjoni tieghu, li bejn

Marzu 2016 u Gunju 2016 kienu saru madwar mitejn pagament eletroniku fix-xahar. L-ewwel awtorizazzjonji kienet ssir minn Riana jew Melissa u t-tieni awtorizazzjoni mir-rikorrent. Antoine Portelli ma kienx japprova pagmenti eletronici u dan peress li kien ihalli l-*key* tal-pagamenti elettronici fid-dipartiment tal-finanzi. Fl-ahhar tal-gimgha kien jintbaghat rapport lil head office bil-lista tal-pagamenti elettronici.

Ir-rikorrent jispjega fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu li peress li f'Lulju 2016 kellu jlesti l-eghluq tal-accounts qabel iz-zmien kien li kellhom jitlestew. Fil-11 ta' Lulju 2016, ghal habta ta' nofsinhar, r-rikorrent jghid li rcieva *email* minghand Antoine Portelli, li kien imsiefer u kien talbu sabiex jaghmel pagament urgenti ta' €45,000. Ir-rikorrent jghid li kien ircieva d-dettalji fejn kellu jibghat dan il-pagament, u li kif ssir dan il-pagament jibghatlu l-konferma tal-bank. Ir-rikorrent baghat lil Danny Magro, sabiex jipprepara l-pagament u lil Riana Xuereb biex tawtorizza l-ewwel approvazzjoni. L-istess rikorrent ta t-tieni approvazzjoni u dan wara li dawn iz-zewg persuni kienu raw l-*email* li kienet intbaghtet minn Antoine Portelli. Ir-rikorrent jkompli jispjega li kien baghat kopja tal-konferma tal-bank u baghat *email* lil Antoine Portelli.

Fit-13 ta' Lulju r-rikorrent jerga' jircievi *email* minghand Antoine Portelli fejn kienet tghid li l-pagament ma kienx ghadu wasal, u sabiex jiccekkja x'kien gara mall-bank. Ir-rikorrent ivverifika mall-bank, ma' certu Karl Borg, li hu *Relationship Manager*, fejn dan tal-ahhar infurmah li l-pagament ghalkemm ma kienx ghadu wasal ma kienx hemm problemi, u kien se jasal jew dakinhar stess jew l-ghada.

Ir-rikorrent cempel lil Antoine Portelli peress li dan issa kien f'Malta, sabiex jinfurmah b'dak li kien qieghed jigri. Ir-rikorrent fid-Dikjarazzjoni tieghu jghid li Antoine Portelli nstema' sorpriz hafna u qallu li hu ma kien talab l-ebda pagament u li ma kienx baghtlu *emails*. Ir-rikorrent jghid li kien hawn li ntebah li kien gie ngannat u l-*emails* li kien ircieva kienu mibghuta bi skop ta' frodi. Ir-rikorrent cempel lil Karl Borg sabiex iwaqqaf kollox immedjatament u jitlob *recall* tal-pagament. Karl Borg, min-naha tieghu qal lir-rikorrent sabiex jibgahtlu *email* u jaghmel rapport l-ghassa dwar dak li gara. In oltre, r-rikorrent informa lill-avukat tas-socjeta` ntimata, Dr. Georgine Schembri, fejn din taghtu n-numru tat-telefon tal-iskwadra tal-frodi.

Ir-rikorrent ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex, fejn ha mieghu kopji tal-*emails* li kien ircieva, u kif ukoll cempel lil Karl Borg. Dan tal-ahhar qal lir-rikorrent li riedu jistennew sabiex jaraw jekk il-flus kienux ghaddew. Ir-rikorrent jghid fid-Dikjarazzjoni li hu ma hassux sew u ma kienx ried imur *board meeting* f'Malta, izda Antoine Portelli kien insista mieghu sabiex jattendi. Izda xi siegha wara kien cempel Antoine Portelli lir-rikorrent u nfurmah li kellu jissospendih u li l-ghada ma kellux jattendi ghal *board meeting*, izda kellu jmur GSD sabiex jiltaqa' ma' Shirley Grixti, li hi HR *manager*. Minn dakinhar li gie sospiz mix-xoghol l-access li kellu mit-telefon cellulari ghal *email* tax-xoghol gie sospiz.

Waqt il-laqgha li r-rikorrent kellu ma' Antoine Portelli u Shirley Grixti r-rikorrent spjegalhom kif sehhew l-affarijiet u kif ukoll li offra li jhallas l-ammont mitluf minn butu, u dan jekk is-socjeta` ntimata ma tirrkuprax l-ammont mitluf. Ir-rikorrent jghid li hu ma riedx li s-socjeta' ntimata ssofri

dan it-telf, u kif ukoll li hu setax jaccetta sitwazzjoni li meta l-kaxxiera tal-Arkadia jkunu ffrodati bi flus foloz dawn kellhom ihallsu minn buthom fuq insistenza tieghu stess, u ghalhekk hu ried jaghmel l-istess, u dan ghalkemm hu ukoll kien vittma ta' frodi. Ir-rikorrent kien ippropona li jsir kuntratt definit ta' hamsa u erbghin (45) xahar u li mill-paga tieghu jitnaqqsu elf Ewro (€1000) fix-xahar. Antoine Portelli u Shirley Grixti dehru sodisfatti b'din il-proposta, u li kienu se jinfurmaw lic-*Chief Operating Officer* (COO) tal-Group, Ms. Maria Micallef, u dan peress li huma jirraportaw lilha.

Ir-rikorrent jkompli jispjega, fid-Dikjarazzjoni tieghu, li hu kien cempel diversi drabi lil Karl Borg sabiex jara jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-flus, izda kien kollu ghalxejn. Fis-sbatax (17) ta' Lulju 2016 il-Pulizija tal-Frodi l-Pulizija tal-frodi cemplu lir-rikorrent sabiex jinghataw kopja eletronika tal-*emails* li kien ircieva. Ir-rikorrent, peress li ma kienx ghad kellhom access ghal dawn l-*emails,* kien informa lil Antoine Portelli sabiex jaghti kull informazzjoni lill-Pulizija tal-Frodi.

Fit-tmintax (18) ta' Lulju 2016, ir-rikorrent jircievi telefonata minghand Karl Borg fejn infurmah li l-flus kienu se jidhlu lura, u b'hekk is-socjeta` ntimata ma tkunx tilfet flus. Karl Borg cempel ukoll lil Antoine Portelli fejn infurmah b'dak li gara. L-istess Karl Borg rega' cempel lir-rikorrent u infurmah li l-flus kien dahlu fil-kont fil-hmistax (15) ta' Lulju 2016. Ir-rikorrent ghamel diversi tentattivi sabiex icempel lil Antoine Portelli izda kien ghalxejn peress li ma wiegbux. Ir-rikorrent jsostni li kieku ma nfurmahx Karl Borg ma kienx ikun jaf li l-flus kienu dahlu lura.

Fid-dsatax (19) ta' Lulju 2016 ir-rikorrent ricieva l-minuti tal-laqgha tal-erbatax (14) ta' Lulju 2016 minghand Shirley Grixti, fejn ir-rikorrent intalab jikkonferma dawn il-minuti. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju 2016 ir-rikorrent jircievi ittra registrata minghand Shirley Grixti li kienet il-konferma tal-istess minuti.

Ir-rikorrent kien akkuzat li kien agixxa b'negligenza assoluta (*gross negligence*) u li ghalhekk kienet se ssir seduta fit-tnejn (2) ta' Awwissu 2016 dwar dak li gara (*disciplinary hearing*). Ir-rikorrent jsostni li jekk kien se jinstab hati kien jitkecca mmedjatament. Ir-rikorrent jispjega li kellu jidher quddiem Ms. Maria Micallef C.O.O. dwar il-kaz tieghu u li kellu d-dritt li jiehu persuna mieghu peress li l-kumpanija kienet se tkun rapprezentata mill-konsulent legali taghha. In oltre, f'din l-ittra, jghid ir-rikorrent, is-socjeta` ntimata kienet ukoll lesta li taccetta r-rizenja tieghu u b'hekk ma kienx jehel il-penali skont il-kuntratt li kellu fl-eventwalita` li kien jitlaq qabel. Kien jidher car, sostna r-rikorrent, li d-decizjoni kienet gia ttiehdet dwar l-impjieg tieghu.

Ir-rikorrent jispjega fid-Dikjarazzjoni tieghu li kellu jintavola Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jikawtela d-drittijiet tieghu, liema mandat kien intlaqa` provizorjament. Izda fit-8 ta' Awwissu 2016, meta nstemghet il-kawza, dan il-mandat ma kienx intlaqa`, u dan peress li kien hemm rimedji ohra fil-ligi dwar it-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent. Fl-10 ta' Awwissu 2016, r-rikorrent kien inghata laqgha ohra ma' Ms. Micallef, flimkien mall-konsulent legali tieghu u dak tas-socjeta` ntimata fejn kienu qablu li s-socjeta` ntimata taghtih access temporanju sabiex ikollu access ghal-*emails* mibghuta minn Antoine Portelli dwar pagamenti li saru minghajr fattura, u dan fil-prezenza ta' Shirley Grixti.

Ir-rikorrent jsostni li kellu jinzel jara dawn l-*emails* Malta peress li t-talba tieghu li jkollu access mill-*computer* tieghu ma ntlaqatx li jarahom Ghawdex, u ghalhekk kellu jinzel Malta. Ir-rikorrent jghid li mill-hafna *emails* li kien hemm bejnu u bejn Antoine Portelli kien sab minnhom li kien sar pagament minghajr fattura.

Ir-rikorrent fid-Dikjarazzjoni tieghu jsostni li wara laqgha tal-25 ta' Awwissu 2016, quddiem Ms. Maria Micallef, li saret bejn l-avukati sabiex isir tentattiv sabiex jilhqu ftehim bonarju, dan il-ftehim ma kienx intlahaq. Siegha wara r-rikorrent jircievi ittra bl-idejn li kien infurmat li l-impieg tieghu kien gie tterminat immedjatament.

Ir-rikorrent jaghlaq id-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu billi jsostni li hu qatt ma kien inghata opportunita` li jiddefendi l-kaz tieghu, jew qatt inghata xi twissja la bil-miktub u lanqas bil-fomm. In oltre, jsostni li kienu ghadu kif kellu *appraisal* posittiv mis-superjuri tieghu. In oltre, kienu ghadu kif gie kkonfermat fuq ix-xoghol wara l-perjodu tal-*probation*.  Ir-rikorrent jishaq li hu kien vittma ta' frodi, u li flok kellu l-protezzjoni tas-socjeta` ntimata, din stamtu ta' kriminal. In oltre, s-socjeta` ntimata ma soffrietx telf ta' flus. Ir-rikorrent ghalaq id-Dikjarazzjoni fejn talab l-ammont ta' €58, 934 bhala penali tal-ksur tal-kuntratt ta' mpieg li kellu mas-socjeta` ntimata.

Da parti tas-socjeta` ntimata din sostniet fir-risposta taghha li r-rikorrent kien jokkupa kariga gholja fil-*management*, u cioe` dik ta' Kontrollur Finanzjarju (*Financial Controller*). Ir-rikorrent kien fuq kuntratt definit u kien agixxa bi traskuragni u nkompetenza grossolana meta kien ezegwixxa struzzjoniet foloz li kienu ntbaghtu permezz ta' *email* frawdolenti. Is-socjeta` ntimata ssotni li kieku ma kienx ghall-intervent ta' terzi dan l-agir tar-rikorrent kien iwassal ghall-telf sostanzjali ghall-intimata.

Di piu', saret trattazzjoni miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bidla fic-*Chairperson* u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti.

Illi, r-rikorrent kien rapprezentat mill-Avukat Dottor. Kris Borg, mentri s-socjeta` ntimata kienet rapprezentata mill-Avukat, Dottor Andrew Borg Cardona.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol tharrku diversi xhieda fosthom diversi ufficjali u mpjegati tas-socjeta` ntimata, rapprezentanti tal-banek u r-rikorrent nnifsu.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2017, xehed is-sur Antoine Portelli, ossia l-*General Manager* tas-socjeta` ntimata, fejn spjega dwar l-episodju li wassal ghat-terminazzjoni tar-rikorrent. Ix-xhud qal li dakinhar hu kien imsiefer fuq vaganza. In oltre, sostna ukoll li mezz ta' komunikazzjoni li jintuza kien dak tat-telefon u tal-*email*. Ix-xhud ghandu *email* li juzah ghax-xoghol u li hu, aportelli@arkadia.com.mt. Ghalkemm ix-xhud ghandu *emails* personali ohra dawn ma juzhomx

ghax-xoghol. Ix-xhud spjega li mar-rikorrent dejjem ghamel uzu mill-*email* tax-xoghol sabiex jikkomunika mieghu[1].

Ix-xhud irrakkonta dak li gara fit-13 ta' Lulju 2016, u cioe` meta rcieva telefonata minghand r-rikorrent u qallu li jekk kienx kollox sew dwar it-trasferiment tas-somma ta' €45,000 ghall-Polonja. Ix-xhud sostna li kien inhasad u dan peress li dakinhar li kien imsiefer kien l-Italja u mhux il-Polonja. In oltre, meta rcieva t-telefonata minghand ir-rikorrent ix-xhud gia kien lura Malta. Ix-xhud kien qal lir-rikorrent fuq xhiex kien qieghed ikellmu. Hawnhekk, jghid ix-xhud it-tnejn li huma ndunaw x'kien gara, u x-xhud qal lir-rikorrent qallu sabiex jaqta' sabiex icempel lill-bank biex iwaqqaf kollox. Min-naha tieghu r-rikorrent kien informa lis-superjuri tieghu. Ir-rikorrent kien cempel lil Karl Borg tal-Bank of Valletta li kien *Relationship Manager* li kien stazzjonat fil-*Business Centre* ta' Santa Venera.

Ix-xhud jsostni li hu kien informa lil Ms. Maria Micallef, *Chief Operating Officer* tas-socjeta` ntimata fejn spjegalha li kienu sofrew xi forma ta' frodi (*scam*). Ix-xhud fix-xiehda tieghu jsostni li hu kien qal lir-rikorrent sabiex jiehu parir minghand wahda mill-avukati tas-socjeta` ntimata, li kienet Dr. Georgine Schembri, u kif ukoll sabiex jaghmel rapport mall-Pulizija, kif fil-fatt kien sar. Min-naha tieghu ix-xhud kien ukoll informa lill-assiguraturi (*insurers*). Ix-xhud qal li kif sema' li kien sar trasferiment ta' flus fl-ammont ta' €45,000 il-Polonja, mill-ewwel induna li kien hemm xi haga hazina. Min-naha tar-rikorrent dan kien qed jghidlu li kien qieghed jimxi mall-istruzzjonjiet tieghu (tax-xhud).

Ix-xhud qal li dwar dak li kien gara kien hemm rapport, u hu kien se jispjega x'kien hemm f'dan ir-rapport (Dok. 'AP')[2]. Ix-xhud ikkonferma li dan ir-rapport sar minnu u minn Shirley Grixti, *Chief Human Resources Manager*. Dan ir-rapport jikkonsisti fil-kronologija tal-fatti kif sehhew bejn il-11 ta' Lulju 2016 sal-15 tal-Lulju 2016[3].

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2017 kompla jixhed is-sur Antoine Portelli fejn ipprezenta r-rapport ta' dak li kien gara. Antione Portelli jghid li l-*email* li kien ircieva r-rikorrent qatt ma kien tieghu, u li hu *email* tal-gmail (ceomailss@gmail.com). Ix-xhud sostna li fuq ix-xoghol mall-kollegi juza l-*email* tax-xoghol biss (aportelli@arkadia.com.mt)[4]. Ix-xhud isostni li dan hu l-uniku *email* li juza u li qatt kellu ghax-xoghol (Arkadia).

Ix-xhud jghid li ghandu ukoll *email* iehor ghall-uzu personali, u li ma kienx jiftakar jekk qattx uzah ghax-xoghol. L-*email* tax-xoghol hu accessibbli mit-telefon cellulari tieghu izda hu protett bil-*password*. Ix-xhud jghid li fir-rapport hemm il-korrispondenza fejn ir-rikorrent qieghed jaghti struzzjonijiet lil Danny Magro u Riana Xuereb li jahdmu fid-dipartiment tal-*accounts* sabiex jipprocessaw il-pagament mitlub minnu, jew ahjar dak li suppost kien ix-xhud, Antoine Portelli.

---

[1] Seduta tas-6 ta' Marzu 2017, xiehda ta' Antoine Portelli, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

[2] Dok. 'AP',' George Agius – Bank Transfer Case', bid-data tal-15 ta' Lulju 2016, redatt minn Antoine Portelli u Shirley Grixti.

[3] Seduta tas-6 ta' Marzu 2017, xiehda ta' Antoine Portelli, pagna 7 tat-traskrizzjoni.

[4] Seduta tat-28 ta' Novembru 2017, xiehda ta' Antoine Portelli, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

Dawn iz-zewg persuni huma subordinati kemm tax-xhud u kemm tar-rikorrent. Dan il-pagament kellu jsir fil-*Millenium Bank* ta' Varsavja, l-Polonja. Ix-xhud spjega ukoll dwar is-sistema tal-*e-banking*, fejn hemm il-htiega ta' zewg firem elettronici fejn persuna ttella' l-pagament, persuna ohra tiffirma elettronikament u wara tiffirma persuna ohra elettronikament. Ix-xhud sostna li sakemm kien dam barra minn Malta fuq vaganza hadd kien ghamel kuntatt mieghu. Ix-xhud qal ukoll, li ma kienx jaf jekk il-kollegi tieghu kienux jafu li hu kien imsiefer. Ix-xhud kompla jispjega kif kienet tahdem is-sistema, fejn Danny Magro kien ghamel il-*loading* tal-pagament fuq il-Bank of Valletta, Riana Xuereb ghamlet l-ewwel firma elettronika u r-rikorrent, it-tieni firma elettronika[5].

Ix-xhud jispjega li hemm l-ircevuta fejn hemm il-pagament tal-€45,000 iffirmati minn Riana Xuereb u r-rikorrent. Ix-xhud ikompli jispjega r-rapport, ossia Dok. 'AP', fejn hemm il-konferma tal-pagament mir-rikorrent lil *Antoine Portelli*, ossia l-persuna fazula, u li dan jikkonferma li rcieva din l-*email* tal-pagament. Fir-rapport, jghid ix-xhud, il-fazul *Antoine Portelli* jibghat *emails* lir-rikorrent sabiex jara x'gara mill-pagament, u dan kien fit-13 ta' Lulju 2016. In fatti hemm *call log* li turi telefonata mir-rikorrent li cempel lir-rapprezentant tal-bank, Karl Borg u li ftit wara x-xhud jircievi telefonata minghand ir-rikorrent li jghidlu li l-pagament kien sar. Ix-xhud jghid li dak il-hin tat-telefonata kien il-Belt Valletta, ghand Cafe` Cordina jiekol. Meta r-rikorrent qallu li l-pagament kien sar u li hu ma kienx jaf bl-ebda pagament mill-ewwel intebah, kif intebah ir-rikorrent, li kien hemm xi haga mhux f'postha. Ix-xhud jghid li r-rikorrent cempel lil bank mill-ewwel sabiex iwaqqaf dan il-pagament. Ix-xhud informa b'dak li kien gara lil Ms. Maria Micallef (C.O.O.).

Ix-xhud jsostni li kien inghata struzzjonjiet sabiex jinforma lir-rikorrent li kien sospiz mix-xoghol, u dan peress li kien hemm investigazzjoni pendenti. Minn dakinhar kien inqata` kull access li kellu r-rikorrent ghas-sistema tas-socjeta` ntimata. Dwar il-flus ix-xhud jghid li dawn kienu telqu minn Malta lejn il-bank Polakk, izda l-istess bank Polakk kien ghalaq il-kont u ghalhekk il-flus ma setghux jidhlu f'dan il-kont. Ix-xhud jghid li kien il-bank Polakk li kien ha l-prekawzjonijiet kollha u dan peress li l-bank Polakk kien induna li din kienet frodi (*scam*).

Ix-xhud jsostni li l-Bank of Valletta kien ukoll informhom x' kien gara, u dan peress li l-istess bank kien ircieva din l-informazzjoni u l-mod kif kien indaga fuqha. Ix-xhud sostna li kienu talbu lill-bank sabiex jitlob lura l-flus (*recall*) izda ma dan setax isir peress li t-talba kienet tardiva minn meta sar il-pagament. Ix-xhud jghid li kienu xxurtjati li l-kont li kienu ddestinati l-flus li jidhlu fih kien inghalaq mill-bank Polakk. Ix-xhud jghid ukoll li r-rikorrent kien informa lill-bank sabiex iwaqqaf dan il-pagament immedjatament. Ix-xhud ikkonferma li dawn il-flus, ossia €45,000, ma kienux intilfu mis-socjeta` ntimata[6].

Ix-xhud sostna li kull darba li hu talab li jsir pagament dejjem kien jibghat fattura (*invoice)* sabiex isir il-pagament taghha. Ix-xhud sahaq li hu dejjem baghat il-fattura biex tigi pprocessata mid-dipartiment tal-*accounts*, ghax hu ma kienx jidhol f'pagamenti. In oltre, x-xhud jaghmel referenza

[5] Seduta tat-28 ta' Novembru 2017, xiehda ta' Antoine Portelli, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[6] Ibid, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

għall-diskussjoni bejnu u r-rikorrent, u li r-rikorrent irrefera għal xi pagament li kien sar mingħajr fattura, hawn ix-xhud saħaq li hu kien ipprezenta l-fattura billi kien bagħat *email* ġurnata qabel.

Illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2019 xehed in kontro-ezami Antoine Portelli, fejn beda biex qal li qatt ma kien hemm problemi mar-rikorrent qabel l-incident. In oltre, x-xhud ikkonferma li kien għamel stima (*appraisal*) posittiva tar-rikorrent, u kif ukoll li kien għadda l-perjodu ta' *probation* u ngħata żieda fis-salarju.

Ix-xhud, Antoine Portelli, ikkonferma ukoll li r-rikorrent kien jagħmel l-almu tiegħu fuq ix-xogħol, u kif ukoll li kien se jiżdiedlu x-xogħol ieħor peress li kienu se jieħdu proġett ġdid, li kien dak tas-Suq tal-Belt[7].

Dwar jekk kienux isiru pagamenti qabel tinħareġ fattura (*invoice*), ix-xhud wieġeb li kien hemm procedura partikolari kif issir. Dwar pagamenti li kienu jsiru in ġenerali bħal ċekkijiet, ix-xhud wieġeb li dik kien jafha r-rikorrent, "*Dak hu jafha, dak hu jafha, ha ngħidlek*"[8].

Ix-xhud għas-suġġeriment li kien sar pagament mingħajr *invoice* lil Tyton, ix-xhud wieġeb li sa fejn jaf hu kien hemm *invoices* qodma b'lura, u li ma kienux pendenti. Ix-xhud saħaq li kien hemm xi diżgwid għaliex ma ħallusx dawn il-fatturi. Ix-xhud baqa' jsostni li hu qatt ma ta struzzjonijiet sabiex jitħallas xi ħadd li ma hemmx relazzjoni miegħu, *invoices* jew xogħolijiet. Dwar il-pagament ta' Tyton ix-xhud spjega li kien stokk riċevut u li r-rikorrent kien jaf x'inhu, għax kellu access lejn is-sistemi tiegħu. Dan kien peress li kien hemm dan id-diżgwid mas-socjeta` l-oħra tagħhom (*sister company*). Kien hemm diżgwid fuq xi ammonti dovuti, u li tagħhom kien hemm il-fatturi, sostna x-xhud.

Għad-domanda jekk ix-xhud kienx ta struzzjonijiet lir-rikorrent sabiex joħroġ pagament ta' €40,000 lil *General Soft Drinks Ltd* mingħajr ma kien hemm fattura, x-xhud għall-ewwel wieġeb li ma kienx jiftakar. Cio nonostante, meta ġie mistoqsi li dan kien pagament dwar xi kirja għas-Suq tal-Belt, ix-xhud qal li kien parti sabiex ħalsu lill-inkwilini tas-Suq tal-Belt. Ix-xhud spjega ukoll li hu qatt ma ngħata ċekkijiet vojta (*blank cheques*) biex jinnegozja ma' xi inkwilin, u baqa' jiċħad dan. L-ammonti dejjem kienu maqbula mas-superjur tiegħu, ossia *Chief Operating Officer* (C.O.O.). Ix-xhud hawn ikkonferma li ma kienux ħarġu fatturi peress li kien hemm qbil li kien iffirmat[9].

Dwar meta kien siefer, ix-xhud wieġeb li ma kienx jiftakar jekk kienx informa lir-rikorrent, iżda ġeneralment is-segretarja tiegħu kienet toħroġ *email* li kien se jkun imsiefer, u għalhekk jidhirlu li r-rikorrent kien jaf li hu kien imsiefer. Dwar ir-raġuni tas-safar ix-xhud sostna li ma kienx jaf jekk kienx ta xi informazzjoni. Dwar kemm kien isiefer fuq xogħol, ix-xhud saħaq li dik is-sena (2016) ma kien kważi siefer xejn.

[7] Seduta tat-8 ta' Jannar 2019, xiehda in kontro-ezami, Antoine Portelli, pagna, 5 tat-traskrizzjoni.
[8] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[9] Ibid, pagna, 11 tat-traskrizzjoni.

Dwar il-hlas elettroniku (*e-payments*), ix-xhud sostna li hemm *flow chart* u li kienet mghoddija lir-rikorrent. Ix-xhud wiegeb li r-rikorrent kellu r-responsabbilita` li jdahhalha fid-dipartiment tieghu u li hu kien ta struzzjonijiet biex din il-*flow chart,* r-rikorrent, jimplimentaha. In oltre, x-xhud spjega li l-persuna li r-rikorrent kien issostittwixxa ma kienx jiftakar jekk kienx jimxi fuq dik il-*flow chart*. Ix-xhud, pero` qal li kien sar xi bdil fil-*flow chart* u li kienet mghoddija lir-rikorrent, u li din il-*flow chart* kienet sostnuta minn risoluzzjoni tal-bord tal-kumpanija (*board resolution*).[10]

Ix-xhud dwar il-fatt jekk is-sistema tal-I.T. kinietx tippermetti li dik il-*flow chart* tigi attwata, ma kienx car fit-twegiba tieghu. Izda l-istess xhud wara li kien mistoqsi diversi drabi mill-konsulent legali tar-rikorrent ammetta li parti minn din is-sistema ma kinietx tippermetti li tigi attawata. Ix-xhud ikkonferma li dik il-parti li kienet attwata mir-rikorrent. Ix-xhud dwar dakinhar li r-rikorrent kien gie ngannat sabiex jaghmel dan il-pagament, ix-xhud wiegeb li kien hu li meta rcieva t-telefonata minghand ir-rikorrent dwar dan il-pagament tal-Polonja, qal lir-rikorrent sabiex iccempel lill-bank (B.O.V.) biex iwaqqaf dan il-pagament. Ix-xhud ikkonferma ukoll li r-rikorrent kien ikkomunika mall-bank mill-ewwel sabiex dan il-pagament jieqaf. Ix-xhud ikkonferma ukoll li r-rikorrent kien ircieva dawn l-*emails* ghal dan il-pagament frawdolenti fuq l-*email* tas-socjeta` ntimata (Arkadia), "*Iva fuq tal-Arkadia*"[11].

Ir-rikorrent kien ukoll ghamel rapport lill-pulizija dwar dak li kien gara u l-istess xhud ukoll kien mar l-Ghassa tal-Pulizija, ghalkemm ma kienx jiftakar jekk ir-rikorrent kienx insista mieghu sabiex hu ukoll imur l-ghassa. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-flus li kienu hargu mill-kont kienu gew irkuprati u dahlu lura fil-kont tas-socjeta` ntimata, u ghalhekk ma kienx sar telf ta' flus. Ix -xhud sostna li kien il-bank ricevitur, ossia l-bank Polakk, li kien ghalaq il-kont ghax kien induna li kien kont abbusiv, u dan ix-xhud saru jaf minghand il-bank.

Ix-xhud wiegeb ukoll li ma kienx jiftakar li kien insista mar-rikorrent sabiex l-ghada tal-incident ta' dawn il-flus, ir-rikorrent, jattendi ghal-laqgha (*board meeting*) li kienet saret. Ix-xhud ikkonferma li aktar tard fil-gurnata kien cempel lir-rikorrent u qallu sabiex ma jattendix ghal din il-laqgha u kif ukoll li kien qieghed jissospendih mix-xoghol, u dan sakemm issir l-investigazzjoni aposita[12].

Ix-xhud lanqas ma kien jiftakar jekk ir-rikorrent kienx sospiz temporanjament jew ghal zmien indefinit. Ix-xhud pero` kien jiftakar li r-rikorrent kien inqghatlu l-access ghall-*email* tieghu tax-xoghol fit-13 ta' Lulju 2016. Ix-xhud lanqas ma kien jaf min kien ha d-decizjoni li r-rikorrent jigi sospiz. Dwar il-*key* tal-pagamenti, x-xhud wiegeb li r-rikorrent kien jaf min kien izommha. In oltre, x-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien lest li l-flus li kienu hargu minhabba dan il-pagament frawdolenti, jhallashom fuq bazi mensili.

Ix-xhud sostna li hu kienx baqa' nvolut aktar meta kienu baqghu isiru l-laqghat mar-rikorrent u l-ufficjali tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud sostna li ma kienx jaf jekk kinietx saret xi investigazzjoni fuq is-sistema tal-I.T. Ix-xhud sahaq li l-*email* li talbet il-pagament lir-rikorrent kienet intbaghtet fuq

[10] Ibid, pagna 15 tat-traskrizzjoni.
[11] Seduta tat-8 ta' Jannar 2019, xiehda in kontro-ezami, Antoine Portelli, pagna, 18 tat-traskrizzjoni
[12] Ibid, pagna 26 tat-tarskrizzjoni.

*email* mhux tas-socjeta` ntimata (*gmail account*), u li ma kienx kaz ta' *hacking* tas-sistema tal-I.T.[13].

Ix-xhud sostna li ma kienx jaf jekk is-socjeta` ntimata kinietx ghamlet aktar investigazzjonijiet interni minhabba dan l-incident u peress li kien hemm min ipprova jiffroda s-socjeta` ntimata. Ix-xhud qal li kienu hallew f'idejn il-bank sabiex jinvestiga.

Fis-seduta tad-9 ta' April 2019 xehed ir-rikorrent, George Agius, fejn ta spjegazzjoni kif kienet tahdem is-sistema tal-pagamenti tas-socjeta` ntimata. Ir-rikorrent sostna li kien ikollhom hafna kontijiet x'jikkontrallaw fix-xahar, madwar elf, u wara jsir il-pagament taghhom. Ir-rikorrent spjega kif is-sur Antoine Portelli, f'Novembru 2015, kien dahhal sistema ta' pagamenti eletronici, u li din is-sitema kienet issostittwiet dik ta' qabel li kienet ssir permezz ta' cekkijiet. Ix-xhud sostna li ma kienux isiru l-pagamenti kollha b'mod eletroniku, u dan peress li s-sistema tas-socjeta` ntimata ta' *software* ma kinietx tiflah biex il-pagamenti kollha jsiru eletronikament. Ix-xhud sostna li kienu jsiru madwar hamsin pagament b'mod eletroniku. Dawn il-pagamenti permezz ta' din is-sistema isiru billi jkun hemm awtorizazzjoni ta' zewg firem, u hawn ir-rikorrent isemmi lil Riana Xuereb, Melissa Cordina, u lil Antoine Portelli. Ix-xhud qal li kollha kellhom *key* sabiex isir dan il-hlas, u li s-sur Portelli kien ihalli l-*key* tieghu fl-ufficcju taghhom. Ir-rikorrent sahaq li dan kien kontra l-parir tieghu[14].

Ix-xhudipprezenta zewg *emails* (Dok. 'AB1' u Dok. 'AB2') tal-assistenti tieghu fejn qeghdin jitolbu lis-sur Portelli sabiex juzaw il-*key* tieghu. Is-sistema tal-*flow chart* kienet ilha hemm minn qabel kien dahal jahdem mas-socjeta` ntimata r-rikorrent, u li din il-*flow chart* kien hemm differenza kif iridu jsiru iz-zewg awtorizazzjonijiet. Ir-rikorrent spjega li dak li kien fiha l-*flow chart* ma setax jigi attwat ghal kollox peress li hafna mill-fatturi ma kienux qeghdin jithallsu eletronikament izda permezz ta' cekkijiet. Ix-xhud qal ukoll li gieli li saru pagamenti fuq struzzjonjiet li jkun ircieva verbalment jew permezz ta' *email* minghand is-sur Portelli, u li dan il-kont ma jkunx ghadu dahal ghandhom. Ix-xhud semma' ukoll li kienu saru dawn it-tip ta' pagamenti lill-inkwilini tas-Suq tal-Belt, u li kienu jammontaw ghal madwar tletin elf Ewro (€30,000) u disghin elf Ewro (€90,000).

Ix-xhud spjega li f'Gunju 2016 is-sur Antoine Portelli kien imsiefer b'xoghol Milan. Ir-rikorrent sostna li *management accounts* ta' Gunju kienu jaghlqu fit-30 ta' Gunju, u dan jekk jigu pprezentati b'mod normali, u cioe` wara tnax-il gurnata ta' xoghol, u ghalhekk kienu jigu pprezentati ghal habta tal-20 ta' Lulju. Ix-xhud irrileva li peress li kien ser isir *board meeting* fl-14 ta' Lulju dawn l-*accounts* kellhom jigu pprezentati qabel. Ghalhekk dawn l-*accounts* kellhom jigu pprezentati fit-12 ta' Lulju. Ir-rikorrent qal li kien cempillu Antoine Portelli u informah li riedu l-*accounts* ghas-7 ta' Lulju. Ix-xhud sahaq li dan setax isir u li kien impossibli. Antoine Portelli, sostna r-rikorrent, kien qallu li hekk kien hemm bzonn li kellu jaghmel *estimate* u jaghlaq sas-7

[13] Ibid, pagna 31 tat-traskrizzjoni.
[14] Seduta tad-9 ta' April 2019, xiehda tar-rikorrent, George Agius, pagna 5 tat-tarskrizzjoni.

ta' Lulju. Ix-xhud qal li wara li kienu lestew l-*accounts* sas-7 ta' Lulju xorta riedu l-*accounts* attawali sat-12 ta' Lulju.

Dwar dak li kien gara dakinhar tal-11 ta' Lulju 2016, ix-xhud spjega li kien ghaddej bix-xoghol sabiex jaghlqu l-*accounts* fejn jircievi *email* minghand *Antoine Portelli*, u li kienet tghid, "*are you at the office*", u li skont ix-xhud din il-frazi kienet tintuza normalment minn Antoine Portelli mar-rikorrent. Wara ftit jircievi *email* ohra li kienet tghid li "*I need an urgent payment of forty five thousand..*". Ix-xhud jghid li kien hemm ukoll indikat fejn kellu jaghmel dan il-pagament[15].

Ir-rikorrent jishaq li hu kien baghat dawn l-*emails* lil Danny Magro, *senior accounts clerk* li kien jipprepera l-pagamenti u lil Riana Xuereb. Dan kien sar sabiex jigi ppreparat il-pagament u tinghata l-ewwel awtorizazzjoni, u r-rikorrent jaghti t-tieni wahda, u b'hekk il-pagament ikun sar. Ir-rikorrent jghid li hu kien baghat kopja tat-transazzjoni bankarja lil dan *Antoine Portelli*[16].

Ix-xhud sostna li qatt ma ddubita mill-*email* li kien ircieva, u li kien ra l-indirizz tal-*email*. Ix-xhud ikkonferma li ma kienx l-*email* tas-soltu izda kien haseb li Antoine Portelli kien f'xi laqgha u li setax ikellmu, u ghalhekk kien uza l-*email* personali tieghu. In oltre, peress li Antoine Portelli kien qalilhom li kellu laqgha mportanti f'Gunju, r-rikorrent haseb li kien gahmel xi ftehim u li kellu bzonn il-flus. Ir-rikorrent sostna li Antoine Portelli hekk kien jaghmel is-soltu, fejn kien jasal ghal xi ftehim u jgib il-kuntratt wara, u huma kienu jiffajljawh.

In oltre, x-xhud sahaq u kkonferma li hu qatt ma kien inghata xi tahrig dwar dawn l-attivitajiet ta' frodi (*scams*) mis-socjeta` ntimata. In oltre, x-xhud jghid li kienu saru xi laqghat u *seminars* izda qatt ma kienu gew imharga dwar dawn l-attivitajiet li jsiru bi skop ta' frodi (*scams*). Ix-xhud qal fis-sena 2015 kien hemm kumpanija li taghmel parti mill-grupp ta' kumpaniji li kienet sofriet *scam*, u ghalkemm ghaddiet minn din l-esperjenza, s-socjeta` ntimata qatt ma kienet harrget lill-impjegati taghha sabiex jindunaw b'dawn it-tip ta' attivitajiet frawdolenti li jsiru bl-uzu tal-*emails*. Ir-rikorrent sostna li jezisiti ukoll *software* li jintercetta dawn it-tip ta' *emails* li jkunu bi skop ta' frodi.

Ir-rikorrent sostna li hu kien jaf b'dan kollu peress li kien inghata access fis-17 jew 18 ta' Awwissu 2016 sabiex ikun jista` jara l-*emails* u jigbor xi evidenza biex jiddefendi l-kaz tieghu. Ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-*email* mibghuta minn Hugh Mercieca, u li dakinhar kien il-*Head Finance*, fejn kien avza li l-Group kien gia sofra kaz simili ta' frodi (*scam*) fl-2015. Ir-rikorrent jghid li hu qatt ma kien ircieva din l-*email* peress li kien ghadu kif beda jahdem u kien hemm xi George Agius iehor li kien impjegat qabel mall-Arkadia. Ir-rikorrent jishaq li wara li rrangawlu l-*email* tieghu, u gie bl-indirizz elettroniku (george.agius1) hu beda jircievi l-*emails*. L-*email* tad-9 ta' Lulju 2015, ta' Hugh Mercieca, r-rikorrent kien sar jaf biha waqt kien bis-sospensjoni[17].

---

[15] Ibid, pagna 9 tat-traskrizzjoni.

[16] Enfazi tat-Tribunal

[17] Seduta tat-9 ta' April 2019, xiehda tar-rikorrent, George Agius, pagna, 13 tat-traskrizzjoni.

Ir-rikorrent jghid li meta kien qieghed jipprepara l-ahhar rtokki tal-*accounts* fit-13 ta' Lulju 2016, kien ircieva email minghand dan *Antoine Portelli* fejn qalli li ma kienx ircieva l-pagament. Ix-xhud cempel lil Karl Borg li kien jiehu hsieb l-affarijiet taghhom tal-bank sabiex jinfurmah li l-pagament ma kienx wasal. Ir-rapprezentant tal-bank qallu li l-pagament kien se jasal jew dakinhar jew l-ghada.

Ir-rikorrent jispjega meta hu kien cempel lil Antoine Portelli, u dan peress li kien Malta u meta kellmu dwar il-pagament, u Antoine Portelli rreagixxa li ma kienx jaf bl-ebda pagament, ir-rikorrent cempel lill-bank immedjatament. Ix-xhud kompla jispjega li ghamel minn kollox sabiex dawn il-flus ma jaslux u nsista ma' Karl Borg tal-B.O.V. sabiex jaghmel *recall* ta' dawn il-flus. Karl Borg qallu li irid rapport tal-puliizja u kif ukoll sabiex l-istruzzjoni tkun bil-miktub. In oltre, sostna r-rikorrent, hu kien ukoll ghamel kuntatt ma' Dr. Georgine Schembri, l-konsulent legali tal-Arkadia. Ir-rikorrent mar jaghmel rapport l-ghassa tar-Rabat, (Ghawdex) u kif ukoll ha dawk id-dokumenti kollha dwar il-kaz, u dan kif gie lilu ssuggerit mill-konsulent legali tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud sostna li mill-ghassa qalulu li anke Antoine Portelli kellu jmur jaghmel rapport. Ix-xhud rega' cempel lil Karl Borg u dan qallu li issa jridu jistennew sabiex jaraw x'se jigri mill-flus. Ir-rikorrent jghid li cempel ukoll lil Antoine Portelli biex jghidlu li l-ghassa riedu jkellmuh, u qallu li ma kienx qieghed ihossu sew, u li xtaq imur id-dar. Ir-rikorrent qallu ukoll li l-ghada ma kienx qieghed ihossu f'siktu li l-ghada jmur il-*board meeting*, izda Antoine Portelli kien insista mieghu li jmur, u r-rikorrent l-ghada mar ghal dan il-*board meeting*[18].

Ix-xhud jkompli jixhed u jghid li meta kien il-*board meeting*, li kien inzamm ghand il-*General Soft Drinks,* fejn isiru s-soltu, kien ircieva telefonata minghand Antoine Portelli u qallu li kien qieghed jissospendih. Ix-xhud sostna li Antoine Portelli qallu li x'aktarx ghal gurnata sakemm jaghmlu laqgha ma' Shirley Grixti (*HR Manager*) u jghidilhom x'kien gara ezatt. Ir-rikorrent jghid li dak il-hin stess kien inqatalu l-access ghall-*email* mit-telefon cellulari tieghu.

L-ghada r-rikorrent mar ghal din il-laqgha, li nzammet ukoll ghand il-*General Soft Drinks,* u spjagalhom ezatt x'kien gara. Ir-rikorrent jsostni li hu kien offra li jhallas dawn il-flus. Ir-rikorrent jghid li hu ma setax jirrinfacca lill-kaxxiera meta dawn ikollhom flus foloz u dan ghalkemm ma jkunx tort taghhom, dawn ikollhom jirrifonduhom lis-socjeta` ntimata. Ix-xhud jghid li kien ippropona li jaghmlu kuntratt gdid ta' hamsa u erbghin xahar, u li minnu jitnaqqsu elf Ewro fix-xahar. Ix-xhud jghid li Antoine Portelli u Shirley Grixti dehru kuntenti u li kienu se jirreferu kollox lil C.O.O. tal-*Group*.

Ix-xhud isostni li hu kien baqa' jcempel lil Karl Borg u dan kien infurmah li ma kien ghad hemm xejn u li kellu jistenna sat-Tnejn. It-Tnejn 18 ta' Lulju 2016 kien l-istess Karl Borg li cempel lir-rikorrent u qallu li l-flus kienu dahlu lura ghand is-socjeta` ntimata. In fatti, Karl Borg qal lir-rikorrent li l-flus kien ilhom fil-kont tas-socjeta` ntimata mill-Hamis 14 ta' Lulju 2016. Ir-rikorrent jishaq li lilu ma kien infurmah hadd dwar dan kollu.

---

[18] Seduta tat-9 ta' April 2019, xiehda tar-rikorrent, George Agius, pagna, 16 tat-traskrizzjoni.

Ir-rikorrent jghid li kien ircieva *email* minghand Shirley Grixti, fuq *email* personali tieghu, fid-19 ta' Lulju 2016, sabiex jikkonferma l-minuti tal-laqgha li kellhom. Ir-rikorrent jghid li kien ghamel mid-19 sal-25 ta' Lulju 2016 fejn ma kien sema' xejn minghand is-socjeta` ntimata, izda fil-25 ta' Lulju 2016 kien ricieva ittra registrata datata 19 ta' Lulju 2016 fejn kien infurmat li kien tkecca mill-impieg tieghu.

Ix-xhud jghid li hu jahseb li kienet Ms. Maria Micallef, C.O.O. tal-*Group* li hadet id-decizjoni tat-tkeccija tieghu. Ix-xhud jirrileva li f'Gunju 2016 kien sarlu assessjar (*performance assessment*) u li kien posittiv hafna. In fatti, jsostni r-rikorrent, Antoine Portelli kien ried jaghmlu ukoll Kap tas-Sigurta (*Head of Security*), u dan peress li Antoine Portelli kien se jkollu ukoll r-responsabbilita` tas-Suq tal-Belt, u ghalhekk ried li jnaqqas mill-piz ta' reponsabbilita` li kellu. Bhala perjodu ta' probation ir-rikorrent jghid li kien ta' sena u li skada fis-6 ta' Lulju 2016[19].

Fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2019 ir-rikorrent, George Agius kien kontro-ezaminat mill-konsulent legali tas-socjeta` ntimata, l-avukat Dottor Andrew Borg Cardona. Ix-xhud beda biex qal li hu kien jaf biss li Antoine Portelli kien imsiefer, izda ma kienx jaf jekk kienx fuq vaganza jew le. In oltre, kkonferma li Antoine Portelli ma kienx tah xi ordni jew struzzjoni li kien se jghidlu biex jibghat xi flus. Ix-xhud kien jaf li kien imsiefer peress li kien baghat messagg lil Antoine Portelli u s-segratarja tieghu qaltlu li kien imsiefer.

Ix-xhud, ossia, r-rikorrent rega' sostna li kien hemm pagamenti minghajr fattura, u li kien gia semma' kazi fejn kien hemm kera tal-parkegg tal-iskola ta' madwar tlett elef Ewro (€3000) u ma kinietx tohrog fattura. In oltre, x-xhud rega' ghamel referenza ghas-Suq tal-Belt fejn kienu thallsu madwar miljun u nofs Ewro (€1,500,000) minghajr fattura[20].

Dwar pagamenti gewwa l-Polonja mis-socjeta` ntimata qatt ma kien hemm, sostna r-rikorrent. In oltre, x-xhud wiegeb li hu minnu li qatt ma kien ircieva *email* bhal dik minn dak l-inidirzz elettroniku li kienet mibghuta minghand il-presunt *Antoine Portelli*. Ix-xhud sostna li kien ghalhekk li haseb li Antoine Portelli kien baghat minn fuq din l-*email*, peress li kien imsiefer u baghat minn fuq l-*email* personali tieghu.

Ix-xhud rega' sostna li peress li kienet gejja minghand ic-C.E.O., li kien imsiefer u ndirizzata lilu, u li kienet tghid, "*are you at the offce*", kif kien jghidlu Antoine Portelli s-soltu, r-rikorrent ma kien ra xejn hazin. Ix-xhud, bhala stat ta' fatt ikkonferma li ma kienx cempel lil Antoine Portelli sabiex jivverifika jekk vera kienx talab dan il-pagament ta' €45,000, ghar-rikorrent din kienet ordni ta' Antoine Portelli.

Fuq domanda tat-Tribunal ix-xhud wiegeb li din kienet l-ewwel darba li kien ircieva din it-tip ta' *email* minghand Antoine Portelli. In oltre, x-xhud ikkonferma li qatt ma kellhom negozju mall-kumpanija li kienet talbet il-flus. Ix-xhud baqa' jsostni li ghalih din kienet struzzjoni tac-CEO, Antoine Portelli u ma hassx il-bzonn li jiddubita minn din l-istruzzjoni. Kien meta hu cempel lil

[19] Ibid, pagna 19 tat-tarskrizzjoni.
[20] Seduta tad-29 ta' Ottubru 2019, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrent, George Agius, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

Antoine Portelli li rrealizza li kien vittma ta' frodi (*scam*). Ix-xhud qal li hu kien gia ghadda minn esperjenza simili izda bhal din li ma kienx ghadda. Din it-tip ta' *scam* tissejjah CEO *scam*, sostna r-rikorrent[21].

## Trattazzjoni Finali

It-trattazzjonji ta' din il-kwsitjoni ta' xoghol saret fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2020. Beda jitratta l-avukat, Dottor Andrew Borg Cardona, ghas-socjeta` ntimata, fejn beda biex issottometta li t-Tribunal irrid jiddeciedi jekk din it-terminazzjoni mill-impieg saritx ghal raguni tajba u sufficjenti fil-ligi. Il-konsulent legali tas-socjeta` ntimata jaghmel accenn ghall-fatt li ma kienx hemm process formali ta' dixxiplina u dan kien sar bi qbil mall-istess rikorrent, u dan minhabba l-fatti ta' dan il-kaz in kwistjoni. In oltre, ssir referenza ghall-mandat ta' inibizzjoni li kien intavola r-rikorrent, u li kien intlaqa' provizorjament, izda wara l-Qorti kienet iddecidiet li kien hemm rimedji ohra ghar-rikorrent.

Fis-sottomissjonijiet tieghu, Dottor Borg Cardona jsostni li r-rikorrent ircieva din il-*phishing email* li hija minghand il-presunt, *Antoine Portelli*, li tghidlu sabiex jibghat somma flus, ossia €45,000, f'pajjiz (Polonja) li s-socjeta` ntimata ma ghandhiex kummerc mieghu. Ir-rikorrent kull ma ried jaghmel kien li sempliciment jcempel u jivverfika ma' Antoine Portelli dwar din it-talba ghall-hlas ta' €45,000. Il-konsulent legali tas-socjeta` ntimata sostna li din kienet l-inqas prewkazjoni li r-rikorrent ried jiehu sabiex jaccerta ruhu li dwar din l-*email*[22].

Il-fatt li l-flus ma kienux waslu ghand min kien ghamel din l-*iscam* ma kienx mertu tar-rikorrent, izda ghall-fatt li l-process tal-bank esteru, ossia dak tal-Polonja, ma kienx ipprocessa din it-transazzjoni, u ghalhekk il-flus dahlu lura awtomatikament, sahaq il-konsulent legali tas-socjeta` ntimata. Dwar il-fatt li kienu saru xi pagamenti minghajr il-presentazzjoni tal-fattura, id-difensur tas-socjeta` ntimata sostna li dan kien isir bejn l-istess kumpaniji (*inter-company*), u cioe` bejn Mizzi Group.

In oltre, dwar il-hlas tal-kera tal-parkegg tal-Arkadia, gie sottomess li dan kien hlas li kellu jsir u li kien ovvju. Id-difensur tas-socjeta` ntimata ssottometta li r-rikorrent agixxa b'negilgenza grossolana u li minhabba dan l-agir hekk negligenti s-socjeta` ntimata tilfet kull fiducja li kellha fir-rikorrent. Kien ghalhekk li t-terminazzjoni tieghu kienet l-unika triq li kellha tiehu s-socjeta` ntimata, sostna l-avukat Dottor Andrew Borg Cardona[23].

Fit-trattazzjoni tieghu, l-avukat Dottor Kris Borg, ghar-rikorrent beda billi qal li r-rikorrent kien dahal xi sena qabel kellu dan l-incident, fis-6 ta' Lulju 2015, meta kien se jaghlaq is-sittin sena. Li kellu sena probation u li kif ukoll li s-socjeta` ntimata kienet tat stima posittiva (appraisal) lill-istess rikorrent. Id-difensur tar-rikorrent jsostni fit-tartazzjoni tieghu kemm ir-rikorrent, George

[21] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[22] Trattazzjoni finali 28 ta' Jannar 2020, tal-Avukat Andrew Borg Cardona, ghas-socjeta` ntimata, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[23] Ibid, pagna, 3.

Agius kien intens fix-xoghol tieghu u li kien jahdem taht pressjoni tax-xoghol. In oltre, r-rikorrent kien jaghmel diversi pagamenti, flimkien ma' mpjegati ohra li kien jammontaw ghal madwar ta' elf pagament fix-xahar. Illi dawn il-pagamenti kienu jvarjaw minn ammonti zghar ghall-ammonti kbar[24].

Il-konsulent legali tar-rikorrent irrimarka li f'Marzu 2016 l-Arkadia kienet bdiet taghmel xi pagamenti b'mod eletroniku minflok bic-cekkijiet. Kull pagament eletroniku jrid jigi approvat minn zewg persuni u mhux persuna wahda. Fil-perjodu li sehh l-incident mertu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, gie sottomess li kien hemm pressjoni kbira ta' xoghol peress li kellhom isiru l-*accounts* tax-xahar ta' qabel. Dakinhar tal-incident, 11 ta' Lulju 2016, kienet il-gurnata li riedu jipprezentaw l-*accounts* (*deadline*), kienet tressaq il-quddiem. Ghalhekk, sostna d-difensur tar-rikorrent, kien hemm pressjoni aktar min-normal peress li r-rikorrent ried ilesti dawn l-*accounts* propju f'dik il-gurnata, ossia fil-11 ta' Lulju 2016.

Dakinhar stess, ghal habta ta' nofsinhar, ir-rikorrent jircievi *email* minghand is-superjur tieghu, Antoine Portelli, li jsaqsih jekk kienx l-ufficcju, u li r-rikorrent irrisponda fl-affermattiv. Id-difensur tar-rikorrent issottometta dan *Antoine Portelli* ried pagament urgenti, peress li kien imsiefer, u li r-rikorrent kien bl-impressjoni li kien imsiefer fuq xoghol. Dan jirrizulta minn dak li xehed l-istess Antoine Portelli fejn fix-xiehda tieghu qal li hu kien isiefer hafna fuq xoghol. Ir-rikorrent kien sar jaf wara li Antoine Portelli kien imsiefer fuq vaganza u mhux xoghol, sostna d-difensur tar-rikorrent[25].

Ir-rikorrent kull ma ghamel kien li bhala mpjegat leali kien obda l-istruzzjoni li kien tah is-superjur tieghu. Id-difensur sostna li r-rikorrent kien bl-impressjoni li Antoine Portelli kien imsiefer fuq xoghol u li dan kellu bzonn dan il-pagment peress li kien ghalaq xi kuntratt. In oltre, saret referenza ghall-fatt li fis-sena 2016 dawn il-*phishing emails* ma kienux daqshekk popolari, u li sirna nafu bihom wara. Ir-rikjesta tal-pagament li saret lir-rikorrent ghaddieha lil tnejn mill-impjegati, ossia Riana Xuereb u Danny Magro. Dawn ukoll ma raw xejn starmb f'din l-*email*, sahaq il-konsulent legali tar-rikorrent[26].

Kien meta r-rikorrent informa lil Antoine Portelli dwar din l-*email*, u dan peress li ma kienx ircieva l-flus il-prezunt *Antoine Portelli*, ossia wara li li-istess rikorrent kien ircieva *email* minghand il-prezunt *Anotine Portelli* jitlob ghall-pagament ta' €45,000, fejn ir-rikorrent induna li kien vittma ta' frodi (*scam*), u dan wara li kien cempel lil Antione Portelli.

Ir-rikorrent, sostna l-avukat difensur tieghu, mill-ewwel informa lill-bank b'dak li kien gara, u kien talab immedjatament sabiex dan il-pagament jieqaf. In oltre, l-istess rikorrent kien offra li jhallas dawn il-flus minn butu u dan juri kemm ir-rikorrent kien dedikat ghas-socjeta` ntimata, issotometta l-konsulent legali tieghu.

---

[24] Trattazzjoni finali 28 ta' Jannar 2020, tal-Avukat Kris Borg, ghar-rikorrent, pagna 4 tat-traskrizzjoni
[25] Trattazzjoni finali 28 ta' Jannar 2020, tal-Avukat Kris Borg, ghar-rikorrent, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[26] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.

In oltre, sahaq l-avukat difensur tar-rikorrent, ma ngabet ebda prova mill-intimata li l-flus ma kienux ghaddew ghax kien waqqaf kollox l-bank Polakk, jew minhabba l-fatt li r-rikorrent kien waqqaf kollox immedjatament. Ir-rikorrent, kellu rapporti tajbin (*appraisals*) u dan kien ikkonfermat mill-istess Antoine Portelli li kien xehed li r-rikorrent kien jaghmel l-almu tieghu. L-attitudni tas-socjeta` ntimata kienet li minflok li pprotegiet lill-impjegati taghha minn dawn it-tip ta' manuvri qarrieqi, s-socjeta` ntimata daret kontra l-istess impjegat taghha, u tterminatlu l-impieg[27].

In oltre, is-sistema tas-socjeta` ntimata tal-I.T. ma kinietx adegwata u dawn it-tip ta' *emails* kienu jidhlu facilment. In fatti s-sistema tal-bank Polakk, ghax kienet attrezzata ghal dawn it-tip ta' *emails*, kienet waqqfet dan il-pagament. Min kien wara din il-frodi kien kiseb din l-informazzjoni ghax is-sistema tal-Arkadia kienet tippermetti li jkun hemm hrug ta' nformazzjoni. Min kien wara dan l-akkadut kollu kien jaf min kien ir-rikorrent, George Agius, u kien jaf ukoll min kien Antoine Portelli, bhal ma kien jaf li Antoine Portelli kien imsiefer f'dak il-perjodu. Kien ghal din ir-raguni li ntbaghtet din l-*email* qarrieqa lir-rikorrent. Il-konsulent legali tar-rikorrent sostna li peress li s-sistema tas-socjeta` ntimata ma kelliex sistema kompluta ghal dawn il-pagamenti, l-istess Antoine Portelli fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2018 ikkonferma li kien hemm *flow chart* dwar il-mod kif kellhom isiru l-pagamenti, u li din il-*flow chart* ma setghtex tigi attwata ghax is-sistema tal-I.T. ma kinietx tippermettieha.  In oltre, l-istess Antoine Portelli kien ammetta dan kollu meta kien gie mistoqsi in kontro-ezami, sostna r-rapprezentant legali tar-rikorrent[28].

In oltre, il-konsulent legali tar-rikorrent issottometta li kien saru ukoll pagamenti minghajr fatturi, bhal pagamenti lill-inkwilini tas-Suq tal-Belt, u dan fuq struzzjonijiet tal-istess Antoine Portelli. Illi ghalhekk, sahaq il-konsulent legali tar-rikorrent, George Agius, li s-socjeta` ntimata ghandha hafna repsonsabbiltajiet xi ggorr fuq dan l-incident u dan stante li ma kellhiex sistemi adegwati ghal dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet (*phishing emails*). In oltre, ghalaq it-trattazzjoni l-konsulent legali tar-rikorrent, minhabba din it-tkeccija, r-rikorrent tilef sentejn paga, r-reputazzjoni tieghu, u kif ukoll li se tkun difficli ghalih li jsib xoghol ta' kontrollur finanzjarju gewwa Ghawdex.

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kaz in dezamina jittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, George Agius, gie mpjegat bhala kontrollur finanzjarju (*financial controller*) mas-socjeta` ntimata, Arkadia Marketing Ltd. Ir-rikorrent beda b'din il-kariga fis-6 ta' Lulju 2015, u li kienet ghal perjodu ta' tlett snin. Fil-25 t'Awwissu 2016 ir-rikorrent gie tterminat u dan minhabba li l-istess rikorrent kien awtorizza pagament eletroniku li rrizulta li kien frawdolenti (*scam*).

Dan it-Tribunal jibda biex jikkunsidra billi janalizza x'irrizulta mix-xhieda prodotti f'din il-kwistjoni ta' xoghol, u kif ukoll mill-provi mressqa. Mix-xiehda ta' Antoine Portelli, li jokkupa l-kariga ta' *General Manager* mas-socjeta` ntimata, rrizulta li r-rikorrent kien impjegat bhala *financial*

[27] Ibid, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[28] Trattazzjoni finali 28 ta' Jannar 2020, tal-Avukat Kris Borg, ghar-rikorrent, pagna 7 tat-traskrizzjoni

*controller* fil-11 ta' Lulju 2016 kien baghat pagament fl-ammont ta' €45,000 lil xi hadd, li kien qal li hu *Antoine Portelli* fejn baghat *email* lir-rikorrent jitlob dan l-ammont. Illi dakinhar l-istess Antoine Portelli kien imsiefer. It-Tribunal jinnota li minn dak li rrizulta mill-provi f'dak il-perjodu r-ikorrent kien ghaddej b'hidma estensiva sabiex jlesti x-xoghol tal-*accounts* tax-xahar ta' Gunju 2016. In fatti kien l-istess Antoine Portelli li kien cempel lir-rikorrent u kien saqsih jekk kienx bil-qieghda, u li qallu li kienu riedu l-*accounts* fis-6 ta' Lulju, u dan granet qabel kienu jigu pprezentati.

Illi dan it-Tribunal jinnota li fid-depozizzjoni tar-rikorrent, George Agius, hareg li meta dan kien sar jaf li dan il-pagament ma kienx mitlub mill-vera Antoine Portelli, hu kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizja tar-Rabat, Ghawdex, kien talab lill-bank sabiex iwaqqaf immedjatament dan il-pagament u addirittura kien offra li jekk dawn il-flus ma kienux jigu rkuprati kien lest li jhallshom minn butu billi jinqaghtu elf Ewro fix-xahar mis-salarju tieghu ghal hamsa u erbghin xahar, u dan sakemm ikun hallas dan l-ammont.

Dan it-Tribunal jinnota li mix-xhieda prodotti hareg li l-*email* qarrieqa li ntbaghtet lir-rikorrent minn *Antoine Portelli*, ossia l-persuna fazula, kienet fuq indirizz ta' *email* li ma kienet qatt intuzat (ceomailss@gmail.com) mis-socjeta ntimata. Mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ma jistax ma josservax il-fatt, li kif irrizulta mill-provi matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, hareg car li kienu saru diversi pagamenti eletronici minghajr ma kien hemm fattura (*invoice*). In oltre, sabiex issir awtorizazzjoni ta' pagamenti eletronici kien hemm procedura shiha li riedet tigi rispettata. *Multo magis*, l-istess Antoine Portelli fix-xiehda tieghu tat-8 ta' Jannar 2019 kien ammetta li s-sistema tal-I.T. tas-socjeta` ntimata ma kinietx tippermetti li dawn it-tip ta' *emails* qarrieqa (*phishing emails*) jigu intraccati. Antoine Portelli kien ikkonferma ukoll li meta r-rikorrent kien beda jahdem maghhom lanqas ma kien inghata *hand over* tax-xoghol. In oltre, l-*flow chart* ta' kif kellhom isiru l-pagamenti ma kinietx attawta u dan peress li s-sistema tal-I.T. tas-socjeta` ntimata ma kinitex tippermettieha.

Illi dan it-Tribunal min din ix-xiehda jikkonkludi li s-socjeta` ntimata naqqset meta r-rikorrent ma kienx moghti *hand-over* tad-doveri tieghu. L-awtur Norman Selwyn dwar dawn it-tip ta' sitwazzjoniet jghid:

> "Employers will have to examine very closely their personnel and recruitment policies, for mistake or a failure to handle a problem in a proper manner could lead to an expensive action being brought in the future. For if an employer selects someone for a particular job, and that person does not have the necessary experience or capability for doing it, it is likely that the employer must accept some of the blame (*Bradley v Opperman Gears Ltd*). As a result, many employers are now commencing employees on the basis of a probationary period in order to assess properly their capabilities. The empoyer has an obligation to ensure that the employee is provided with adequate facilities and support staff, **and is propery trained**

> **and supervised where necessary**[29]. Failure by the employer to attend to these and allied matters may well mean that any shortcomings on the employee's part may not be entirely his own fault, and it could well be unfair to dismiss him in these circumstances (*Burrows v Ace Caravan Co (Hull) Ltd*)[30]".

Minn dan il-bran, u applikat ghas-sitwazzjoni odjerna jirrizulta li s-socjeta` ntimata ma kinietx tat *hand-over* lir-rikorrent jew tatu xi tahrig dwar dawn it-tip ta' transazzjonjiet qarrieqa. Di piu', u dan kif irrizulta mid-dokumenti li pprezenta r-rikorrent, fis-sena 2015 Mizzi Organisation u li s-socjeta` ntimata hi parti minnu kienet ghaddiet minn esperjenza simili. Dan kif jirrizulta minn Dok. 'AB3', fejn hemm *email* datata d-9 ta' Lulju 2015, esebita fil-process, liema *email* intbaghtet minn Hugh Mercieca fejn qieghed jigbed l-attenzjoni ta' diversi ufficjali u dirigenti ta' Mizzi Organisation, fosthom Antoine Portelli, sabiex joqghodu attenti minn "*sophistiacted techniques*" u li qeghdin jintuzaw minn frodisti esteri li kienu qeghdin juzaw *emails* qarrieqa sabiex jintbaghtu pagamenti go banek[31].

Dan it-Tribunal wara li ezamina dan id-dokument ikompli jsahhah il-fehma tieghu li s-socjeta` ntimata ghamlet nuqqas kbir li qatt ma hadet prekawzjonjiet sabiex tilqa' ghal dawn it-tip ta' *scams* fejn tintuza l-*email* sabiex isiru dawn it-tip ta' pagmenti frawdolenti. Is-sur Hugh Mercieca, sena qabel, kien gia ta ndikazzjoni li dawn it-tip ta' manuvri qarrieqa minn frodisti esteri kienu qeghdin jigu adoperati. Illi f'dan l-istadju t-Tribunal iqis li s-socejta` ntimata kienet gia konxja u dan peress li l-Organizazzjoni li taghmel parti minnha kienet esperjenzat cirkostanza simili ta' *scam* u ghalhekk zgur li ma tistax targumenta li ma kinitex taf bihom.

Illi fic-cirkostanzi li sehhew fil-gurnata ta' dan l-akkadut t-Tribunal iqis ukoll li kien hemm ukoll nuqqas da parti tar-rikorrent f'din il-vigenda kollha. Illi mix-xiehda tar-rikorrent jidher car li f'dak il-perjodu hu kien qieghed taht pressjoni sabiex ilesti l-*accounts* tax-xahar ta' Gunju 2016. In oltre, kien infurmat mill-istess Antoine Portelli sabiex ilesti dawn l-*accounts* qabel id-data stipulata. Illi ghalkemm kien hemm dawn ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal hu tal-fehma li r-rikorrent kellu imqar jivverfika dwar dan il-hlas ta' €45,000, mitlub urgentement minn *Antoine Portelli*. Illi huwa minnu li r-rikorrent kien taht pressjoni ta' xoghol izda dan ma jiggustifikax in-nuqqas tieghu li ma jivverfikax dan il-pagament. Dan kollu jikkonsisti f'negligenza kontributorja da parti tar-rikorrent.

L-awtur Norman Selwyn jsostni dwar din it-tip ta' negligenza: -

> 11.126. …. If a person is injured, partly because of his own fault and partly due to the fault of another, damages shall be reduced to the extent the court thinks fit, having regard to the claimant's share in the rsponsabilty for the damage. The defence is successfully raised in a number of cases. The employer will argue that even though he was

---

[29] Enfasi tat-Tribunal Industrijali.
[30] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – p. 280.
[31] DOK. 'AB3', ippreznat mir-rikorrent fis-seduta tad-9 ta' April 2019.

> negligent, so too was the injured employee, and a reduction in the amount of damages awarded will be the result[32].

Minn dan il-bran ta' dan l-awtur u b'anolgija applikat ghal din il-kwistjoni ta' xoghol, il-principju applikat hu li r-rikorrent ukoll ikkontribwixxa meta naqqas milli jivverfika dwar dan il-pagament. Dwar il-fatt li dawn il-flus ma kienux lahqu waslu ghand id-destinarju/i taghhom hija xi haga ghal kollox indipendenti mill-agir kemm tas-socjeta` ntimata u kemm minn tar-rikorrent. Mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju mill-genwinita` tar-rikorrent li ghamel l-almu tieghu kollu sabiex iwaqqaf dan il-pagment frawdolenti, u kif ukoll li kien kest li jhallas elf Ewro (€1000) fix-xahar ghal zmien erba' u hamsin xahar billi dan l-ammont kien jitnaqqas mis-salarju tieghu.

Illi t-Tribunal ghalkemm jifhem l-argumenti mressqa fit-trattazzjoni tas-socjeta` ntimata dwar il-fatt li r-rikorrent kien negligenti, u dan ghax imqar ghamel telefonata sabiex jivverfika dwar it-talba ghal dan il-pagament, mill-banda l-ohra l-istess socjeta` ntimata ma tistax tistrieh fuq dan l-argument. Kif gia accennat aktar 'l fuq is-socjeta` ntimata sena qabel dan l-incident, ossia fl-2015, kienet gia konxja min dawn it-tip ta' *phishing emails* u sa sena wara ma kinietx hadet dawk il-prekawzjonjiet mehtiega, u cioe` billi jkollha sistema idonea sabiex tissalvagwardja ruhha minn dawn it-tip ta' attakki frawdolenti.

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna ukoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal Industrijali ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[33]. Din il-kwistjoni tippernja fuq il-fatt jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kinietx ingusta. It-Tribunal iqis li ghalkemm kien hemm nuqqas da parti tar-rikorrent, dan in-nuqqas ma kienx akbar minn dak tas-socjeta` ntimata u dan stante li kienet konxja minn dawn it-tip ta' istanti minn sena qabel[34].

## Decide

Illi ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq bhala kumpens it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni tal-provi kollha, analizza d-dokumenti esebiti, ha ukoll in konsiderazzjoni in-nuqqasijiet tar-rikorrent, qieghed jiddeciedi li s-socjeta` ntimata, Arkadia Marketing Limited (C-11113) ghandha thallas lir-rikorrent, George Agius zewg terzi ta' dak mitlub fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu bhala penali ghall-ksur tal-kuntratt definit ta' xoghol li kellu mall-istess socjeta` ntimata.

---

[32] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – p. 332.

[33] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.

[34] Vide Dok. 'AB3', *email* ta' Hugh Mercieca.

Ghaldaqstant, is-socjeta` ntimata ghandha thallas l-ammont ta’ **€39,289.33c** lir-rikorrent, u cioe` z-zewg terzi tal-ammont mitlub mir-rikorrent fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu (€58,934), liema ammont ta’ €39,289.33c ghandu jithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta’ Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta’ €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta’ xoghol.

(Iffirmat)
Av. Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**